**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 4 / 2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alfred Desira**

**<u>Illum 20 ta' Lulju 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Alfred Desira detenur tal-karta tal-identita Maltija **885950M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-2 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 07:45hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi taz-Zejtun u f'dawn il-Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-għasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(c) tal- AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il- kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1) (i) tal-AL 79 ta-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tagħti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht 1-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-**27 ta' Settembru, 2022**, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 18(1)(c) 4(1)(a) u 7(1)(i) tal-Ligi Sussidjarja 549.145, sabet lill-qua imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-multa ta' elfejn euro (€2,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Desira, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-**4 ta' Ottubru, 2022**, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Settembru 2022 billi tiddikjara lill-esponent mhux hati ta' l-ebda mputazzjoni dedotta kontrih u li taghha gie misjub hati - u b'hekk l- esponent jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe mputazzjoni u piena.

2. Subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l- esponent jitlob li f'kaz ta' konferma ta' htija "in toto" jew "in parte" dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tittratta mieghu xort' ohra b'mod, senjatament u mhux limitatament, li titnaqqaslu l-multa nflitta u/jew titnehhilu s-sospensjoni tal-licenzja jew permess relattiv inflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Alfred Desira li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq imputazzjonijiet illi (1) nhar it-2 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 07.45hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi taz-Zejtun u f'dawn il- Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, hadt jew ipprovajt tiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-AL 79 tal- 2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadt jew ipprovajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il- kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta; u (3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccjajt jew ppruvajt tikkaccja, hadt jew ipprovajt tiehu xi ghasfur billi uzajt lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordan s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir- regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perijodu applikabbli taht 1-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

2. Illi b'sentenza moghija nhar is-27 ta' Settembru 2022 l-Ewwel Qorti sabet lill-esponent hati tat-tlett imputazzjonijiet dedotta kontrih u kkundannatu ghall- multa ta' €2,000 u ghas-sospensjoni tal-licenzja ghall-perijodu ta' sentejn.

3. Illi l-esponent hassu aggravat b'dina s-sentenza b'dik is-sentenza u minnha nterpona appell ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

4. Illi l-fatti fil-qosor huma dawn: Illi l-esponent Alfred Desira kien nhar it-2 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 07.45a.m. qed jonsob go ghalqa fiz-Zejtun meta fhin minnhom gew fuqu zewg ufficjali tal-Pulizija. Dawn il-pulizija kkonfiskawlu l-mansab u l-għasafar u tawh ricevuta. Fost affarijiet ohra qalulu li c-crieket imlibbsin fuq l-ghasafar kienu kbar ghall-liema huwa rrimarka illi kienu crieket li jixtri kullhadd minn fuq il-Monti.

5. Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti tlett aggravji:

A. L-Ewwel Agggravju huwa n-nullita' u l-irritwalita' tas-sentenza appellata. L-esponent kien issolleva id-difiza illi l-Prosekuzzjoni kienet naqset li tagħmel l- ahjar prova li f'dan il-kaz partikolari u cjoe' l-prova li l-istagun ta' l-insib kien maghluq. L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha li qrat waqt is-seduta semplicement qalet li "qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontrih u qed tikkundannah ghal piena ta' €2,000 u ghas-sospensjoni tal- licenzja ghall-perijodu ta' sentejn". Ewwel Qorti ghalhekk naqset bl-aktar mod ovvju illi tittratta d-difiza mressqa mill-esponent. Il-Qorti kellha tghid ta' liema akkuzi qed issib lill-imputat hati u wara li titratta l-eccezzjoni mressqa mill-esponent tispjiega kif tkun waslet biex issib tal-htija ghal dak ir-reat. Inoltre, l-istess sentenza li qrat l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Settembru 2022 ma tindikax l-Artikoli tal-Ligi li dwarhom l-esponent kien misjub hati, dana kif huwa rikjest l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Certament li l-esponent ma ghandhux jigi sorpriz b'xi sentenza li forsi tigi dattilografata wara li jkun intavolat dan l-Appell ghax dan ikun ifisser minaccja serja għad-dritt ta' smigh xieraq u jkun ingust mad-difiza u ma' l-akkuzat b'mod li johloq pregudizzju u dannu rriparabbli. Huwa qed jappella fuq is-sentenza li lilu nghatat fil-prezenza tieghu. L-esponent ghalhekk isostni illi s-sentenza xotta xotta ta' l-Ewwel Qorti bla ebda riferenza ghad-difiza mqajjam mill-esponent, u noltre minghajr riferenza ghall-Artikoli tal-ligi li taghhom qed jinstab hati, jirrendu s-sentenza kollha kemm hi nulla.

B. It-Tieni Aggravju huwa li l-Prosekuzzjoni kienet naqset li tipprova li dak in- nhar meta l-esponent instab fuq l-ghalqa kien stagun maghluq ghat-tehid ta' l- ghasafar. Il-Prosekuzzjoni kellha taghmel l-ahjar prova. Kien jispetta lill- Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju propost ghall-produzzjoni tal-provi taghha (u mhux issa fi stadju ta' appell ta' l-esponent) illi l-esponent kien qed jonsob waqt stagun maghluq ghall-insib. Id-data wahedha mhijiex bizzejjed. Hawn qieghdin fil-kamp penali. Il-Qorti ma tista' tassumi xejn u semplicement tippretendi li nhar it-2 ta' Marzu 2021 meta l-esponenti gie misjub jonsob kien ghalaq l-istagun ta' l-insib. Il-Prosekuzzjoni kellha ggib prova 'sine qua non', minghajr dubju dettat mir-raguni, li l-istagun kien maghluq, l-aqwa prova f'dan il-kaz kellha tkun per ezempju li tingieb kopja tal-

Gazzetta tal-Gvern, dana partikolarment meta qed nitkellmu dwar dati li jinbidlu u mhux dejjem l-istess kull sena.

C. It-Tielet Aggravju jirrigwarda n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest mill-ligi t-tieni u t-tielet imputazzjoni. Ghar-rigward tat-tieni mputazzjoni l-Prosekuzzjoni ma pproducietx l-ebda prova in konnessjoni mal- kundizzjoni tal-licenzja li taghjjat lill-imputat. U ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni lanqas din ma giet sodisfacentement pruvata gialadarba l- ghasafar li ntuzaw bhala lixki kellhom kollha curkett li jinbiegh minn kullimkien l-istess (f'dan il-kaz l-esponent kien xtrahom minn fuq il-Monti), u li kull nassab ilibbes lill-ghasafar. Jigi rilevat illi x-xhud veterinarju li telghat tixhed ma setghatx tirrelata l-ezercizzju li hija kkompilat ma' l-imputat.

D. Ir-Raba Aggravju: Subordinatament, u bla ebda pregudizzju ghal dak li ntqal dwar nuqqas ta' htija, dik il-Qorti messha, fic-cirkostanzi tal-kaz, tat piena ehfef u aktar addattata lill-esponent. F'dan ir-rigward qed jigi sottomess illi l- esponent ma ghandu vizzju ta' xejn, ma jiffrekwentax kazini, izda ghandu biss namra wahda, u cjoe' l-kacca, haga li hija fih sa minn zoghzitu. Is-sospensjoni tal-licenzja, mbghad ghall-perijodu ta' sentejn, ser isibha difficli ghalih ta' eta' ta' sebghajn sena li jaddatta ruhu b'mod iehor. Ma jfissirx il-ghaliex kellhu dan l-incident ghandu jigi privat mill-licenzja ghall-perijodu tant twil. Huwa kastig sever wisq, dana apparti multa ta' €2,000 li jrid ihallasha mill- pensjoni baxxa tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha nhar il-25 ta’ Mejju 2023[1] fejn din il-Qorti kif preseduta kienet iddecidiet li is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar is-27 ta’ Settembru 2022 kienet nulla u ghalhekk din il-Qorti qeda titratta mal-appellant mill-

[1] Fol. 34 ta l-atti

gdid u sejra tikkusnidra l-aggravji l-ohra tieghu u cioe it-tieni, it-tielet u ir-raba' aggravju bhala id-difiza tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza mill-gdid u dan fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2023 f'liema seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat,

**Fit-tieni aggravju** tieghu l-appellant itenni illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tipprova li dakinhar meta l-esponent instab fl-ghalqa kien stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar. L-appellant ikompli billi jghid illi d-data ta' 2 ta' Marzu 2021 mhux bizejjed u ghalhekk kellha tingieb kopja tal-Gazetta tal-Gvern u dan ghaliex dawn id-dati li jinbidlu u mhux dejjem ikunu l-istess kull sena.

Ghaldaqstant, dan l-aggravju jirrigwardja l-apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Julian Genovese**:[2] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.***

[2] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

> *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[3]" [12.5.94]; "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[4]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[8]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] 1969] 1 QB 276.
[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[9] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[10] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[11]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[12] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[13] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R**[14] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[13] 1997 Edition Para 10-3.
[14] 1952.

Illi din hija ezattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[15]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[16] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[17] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[16] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[17] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-ghemil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PC 217 I. Mizzi**[18] xehed permezz t'affidavit fejn iddikjara illi nhar it-2 ta' Marzu, 2021, hu flimkien ma PS 1030 kienu fuq ronda fl-inhawi taz-Zejtun vicin il-kamra tan-nar fejn hemm lemhu persuna li kienet qed tonsob b'mod illegali. Huma dahlu fl-ghalqa u nstab il-persuna fid-dura jonsob b'mansab armat b'xbieki u bl-ghasafar tal-ghana gol-mansab. In-nassab gie identifikat bhala certu Alfred Desira. Dan tal-ahhar inghata d-drittijiet tieghu fosthom dak tal-avukat fejn dan ghazel li jirrinunzja ghal dan id-dritt u ffirma l-karta tar-rifjut. Is-surgent spjegalu li l-istagun kien maghluq u ghalhekk dan kien qed jikser il-ligi. Saret spezzjoni fuq l-ghasafar li kellu fuq il-mansab fejn seta jigi nnutat li c-crieket li kellhom l-ghasafar kienu kollha kbar u kopja ta' dik tal-awtorita' ta' WBRU. L-appellant kien qalilhom li xtara c-crieket mill-monti. L-affarijiet gew kollha konfiskati minn fuq il-post u nharget ircevuta. L-ghasafar gew moghtija lil Vet Care Malta.

**PS 1030 Clint Theuma**[19] xehed nhar is-6 ta' Mejju, 2023 fejn qal illi nhar it-2 ta' Marzu, 2021 kienu ronda fl-inhawi taz-Zejtun vicin il-kamra tan-nar, u go ghalqa innutaw mansab armat bix-xbieki u anke ghasafar imdawrin mieghu. Fejn id-dura kien hemm l-appellant li hu gharaf fl-awla quddiem l-ewwel qorti. Huma dahlu fl-ghalqa, kellmu lill-appellant u qalulu sabiex jieqaf minn dak li kien qed jaghmel u tawh id-drittijiet li

[18] Fol. 6 tal-process.
[19] Fol. 18a et seq tal-process.

jikkonsulta ma' avukat fejn huwa irrifjuta u iffirma r-rifjut. L-appellant kellu erbatax (14)-il ghasfur tal-ghana b'kollox u cioe' sitt (6) gojjini, tlett (3) ivrieden, gapparelli, zewg (2) sponsuniu ekru w irrizulta li c-crieket li kellhom ma kienux skont ir-regoli. L-appellant kien stqarr maghhom li c-crieket xtrahom *imitation* bhal dawk tal-WBRU minn fuq il-monti. Huma qalu lill-appellant li dan kien illegali, ikkonfiskaw kollox u hargu ircevuta ta'dawn l-affarijiet. Spjega illi l-ghasafar ittiehdu ghand il-clinic fejn hemm il-vet tal-Gvern fejn hadu hsiebhom min-naha taghhom. Hu kien hallihom hemmhekk fejn imbghad wara kienu infurmati li kienu illegali. Hu pprezenta r-rifjut tal-parir legali ffirmata minnu, minn PC 217 u l-appellant. Hu pprezenta wkoll l-ircevuta ffirmata minnu u minghand l-appellant kif ukoll set ta' hames ritratti li ha hu stess fejn jidher is-Sur Desira, l-ghasafar u r-ritratti tax-xibka tal-post qed tigi zarmata.

**Thomas Borg**[20] xehed nhar is-6 ta' Mejju, 2023 fejn qal li hu jirrapprezenta l-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) bhala *Assistant Manager*. Stqarr illi mir-ricerka li hu ghamel is-Sur Desira kellu licenzja generali tal-insib. Fit-2 ta' Marzu 2021 ma kienx hemm stagun miftuh ghal insib u l-gvern ma kien hareg l-ebda deroga ghall-insib tal-ghasafar. Jghid ukoll li ma kienx hemm licenzji specjali tal-insib, b'hekk kull min kien qed jaghmel dan, kien qed jaghmlu b'mod illegali. Hu pprezenta dokument tal-licenzja generali tieghu bhala Dok TB.

**Dr Eurydke Kovacks**[21] xehedet nhar is-27 ta' Settembru, fejn qalet li *hija veterinary surgeon* u tipprattika gewwa Vet Care Animal Clinic f'San Gwann. Hi spjegat kif ghandhom *tender* mal-Gvern sabiex jaraw ghasafar selvaggi imnwegga jew morda. F'dan il-kaz partikolari qalet illi nhar it-2 ta' Marzu, 2021, il-pulizija pprezentaw erbatax (14) -il ghasfur li gew konfiskati miz-Zejtun. Hi specifikat illi dawn kienu '*3 Green finches, 6 linates, 2 wonsiskin, 2 sirin and 2 chufinch*', u ma kellhomx crieket. Qalet ukoll illi tnejn *linates* kellhom harness. Sussegwentament dawn l-ghasafar tpoggew f'reabilitazzjoni u gew rilaxxati wara. Hi pprezentat r-rapport taghha mmarkat bhala Doc EK. Mistoqsija mid-difiza kif tirrelata dawn l-ghasafar mal-appellant, hi wiegbet dik xi haga li jridu jaghmlu l-pulizija u mhux hi. Ikkonfermat li hi kull ma rat kienu l-ghasafar.

[20] Fol. 18c tal-process.
[21] Fol. 19 et seq tal-process.

Illi din il-Qorti rat l-atti u fliet l-evidenza, inkluz ix-xhieda li saret referenza ghalihom *supra*. Fil-fhema ta' din il-Qorti, ix-xhieda ta' PC 217 I Mizzi, PS 1030 Clint Theuma u Thomas Borg bhala Assistant Manager tal-WBRU, li kollha qalu li nhar it-2 ta' Marzu, 2021 ma kienx hemm stagun miftuh ghall-insib, hija prova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li fil-fatt l-istagun ghall-insib ma kienx miftuh dakinhar. L-appellant jargumenta li l-aqwa prova f'dan il-kaz kellha tkun per ezempju kopja tal-*Government Gazzette*.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Cutajar** [22] fejn gie ritenut hekk dwar ir-regola tal-*best evidence* u l-interpretazzjoni tal-istess:

> *'Il- "best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem,* ***"Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk.*** *Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda.'*

F'dan il-kaz b'referenza ghal dan l-aggravju l-prosekuzzjoni resqet lil PC 217 J Mizzi jixhed u jghid li huwa flimkien ma PS 1030 kienu fuq ir-ronda taz-Zejtun vicin tal-kamra tan—nar fejn lemhu persuna li kienet qed tonsob b'mod illegali. Jghid li mill-ewwel dahlu fl-ghalqa u l-akkuzat instab go dura jonsob b'mansab illegali armat bi xbiek u bl-ghasafar tal-ghana gol-mansab Is-surgent quddiemu spjegalu li l-istagun

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012.

kien mghaluq u ma setax isir insib. PS 1030 Clint Theuma ukoll fix-xhieda jikkonferma li kien qal lill-akkuzat li huwa kien qed jonsob b'mod illegali u fi zmien meta l-istagun kien mghauq ghal insib[23]

Il-Prosekuzzjoni resqet ukoll lil **Thomas Borg** jixhed[24] in rappresentanza tal Wold bird Regulations Unit (WBRU) fil-kapacita tieghu ta' Assistant Manager u dan stqarr I l-akkuzat kellu licenzja generali tal-insib. Pero jikkonferma li fit-2 ta Marzu 2021 ma kienx hemm stagun miftuh ghall-insib. In oltre jghid li ma hareg l-ebda deroga ghall-insib tal-ghasafar u ma kienx hemm licenzji specjali tal-insib u b'hekk jghid li kul ma kien qed jghamel l-akkuzat kien illegali.

Illi harsa lejn l-artikolu 18 (1) (c) tal-AL 79 ta-sena 2006 jipprovdi s-segwenti:_

> *18.(1) Minghajr pregudizzju ghar-regolament 9, l-ebda persuna m'ghandha:-*
>
> *(c) waqt l-istagun maghluq ghat-tehid ta' ghasafar kif jista' jigi permess skond dawn ir-regolamenti, tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur.*

*Issa skond it-tifsira tal-kliem 'stagun mghaluq' insibu fil-Ligi Sussidjarja 549.42 li ifisser:-*

> "*staġun magħluq*" *tfisser, dwar il-kaċċa u t-teħid tal-għasafar, dawk il-perijodi li jaqgħu barra mill-istaġun miftuħ, u li fihom m'humiex permessi l-kaċċa u t-teħid tal-għasafar;*

Illi l-prosekuzzjonim'ghandhiex ghal fejn tipprova dak li hu ligi u dan in ommag tal-principju latin li '*ignorantia legis nemminem excusat*. La il-granet ta' meta l-istagun ikun miftuh jigu pubblikati l-proskeuzzjoni m'ghandhiex ghalfejn tipprova il-granet ta' meta l-istagun ikun miftuh

[23] Fol. 189
[24] Fol. 18c tal-process

Din il-Qorti kif diga rriteniet iktar il-fuq, permezz tal-provi mressqa f'dan il-kaz jidrilha illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni illi nhar it-2 ta' Marzu, 2021 kien tassew stagun maghluq. Ghaldaqstant, din il-Qorti qedgha tichad it-tieni aggravju hekk kif imressaq mill-appellant.

**Fit-tielet aggravju** tieghu l-appellant jargumenta dwar in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest mil-ligi it-tieni u t-tielet imputazzjoni. Fir-rigward tat-tieni mputazzjoni, l-appellant jghid illi l-Prosekuzzjoni ma pproducietx l-ebda prova in konnessjoni mal-kundizzjoni tal-licenzja li tghajjat l-appellant. It-tieni imputazzjoni kontra l-appellant hija s-segwent:

> *'Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il- kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Ir-Regolament 4 (1)(a) tal-LS 549.42 nfatti jipprovdi hekk:

> *'4.(1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:*
>
> *(a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;'*

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal ix-xhud Thomas Borg u cioe' fejn qal li l-appellant kellu licenzja generali tal-insib u esebixxa Dok TB, li jidher li fis-sena 2021 din kienet l-unika licenzja li kellu l-appellant. Oltre minn hekk, l-istess xhud sostna illi nhar it-2 ta' Marzu, 2021 ma kienx hemm stagun miftuh ghal insib; ma

kiex hemm l-ebda deroga u lanqas ma kien hemm licenzji specjali tal-insib. Ghalhekk, kif qal Borg stess *'kull min kien qed jaghmel dan, kien qed jaghmlu b'mod illegali.'* Din il-Qorti ma ghandiex dubbju li l-appellant kien qieghed qed jonsob dakinhar tat-2 ta' Marzu, 2021 u ghalhekk ma tistax taqbel mal-appellant fir-rigward ta' din il-parti tal-aggravju.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-appellant jghid illi din ma gietx sodisfacentament ippruvata stante li l-ghasafar li ntuzaw bhala *lixki* kollha kellhom curkett li jinbiegh minn kullimkien, f'dan il-kaz kif ammess mill-appellant stess, mill-Monti. Oltre minn hekk sostna wkoll illi l-veterinarju li telghet tixhed ma setghatx tirrelata l-ezercizzju li hija kkompilat mal-appellant.

It-tielet imputazzjoni kontra l-appellant tipprovdi hekk:

> *'Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1) (i) tal-AL 79 ta-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;'*

In oltre, ir-Regolament 7(1)(i) jipprovdi is-segwenti:

> *7.(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi wieħed mill-metodi li ġejjin:*
>
> …….
>
> *(i) lixki ta' għasafar protetti;*

Din il-Qorti tghid illi huwa minnu li l-veterinarju li telghet tixhed, xehedet fuq l-ghasafar biss u ghalhekk ma setghatx tirrelata l-ezercizzju li hija kkompilat mal-appellant. Madankollu, PS 1030 Theuma li kien wiehed mill-pulizija li ghamel l-

ispezzjoni, sab lill-appellant jonsob u anke ffirma l-ircevuta tal-affarijiet elevati minghand l-appellant, xehed ukoll illi kien hu stess li ha l-ghasafar li gew elevati minghand l-istess appellant ghand il-veterinarju. Jerga jigi mfakkar f'dan il-punt li PS 1030 u PC 217 xehedu li l-appellant kien qalilhom li c-crieket li kellhom l-ghasafar kien xtrahom *imitation* tal-originali minn fuq il-monti.

Madankollu, din il-Qorti ma tistax ma tghidx li tinsab perplessa dwar il-fatt li l-pulizija qed issostni li l-ghasafar kellhom dawn ic-crieket izda l-veterinarju qalet li dawn ma kellhomx crieket u zewg *linnets* biss kellhom *harness*. Izda, fir-ritratti esebiti a fol. 23 et seq tal-process, din il-Qorti setghet tinnotta illi xi ghasafar kellhom ic-crieket u li whud mill-ghasafar kienu wkoll imdemmija. Din il-Qorti taghat harsa wkoll lejn ir-ritratti esebiti a fol. 18 minn PS 1030, fejn sfortunatament ir-ritratti tal-ghasafar fil-gabjetti ma gewx mehuda daqshekk fil-vicin sabiex din il-Qorti setghet tara l-ghasafar sew.

Hawnhekk ghalhekk din il-Qorti tinsab rinfaccata bil-verzjoni tal-pulizija, li qed tghid li l-ghasafar kellhom crieket foloz, u l-verzjoni tal-veterinarju li qed tghid li dawn l-ghasafar ma kellhomx crieket. Bla dubbju ta' xejn dawn il-verzjonijiet huma kontrastanti pero', mhux kull kunflitt ta' provi jwassal ghal-liberatorja'. Li hu zgur li l-ghasafar li gew elevati minghand l-appellant ma kellhomx curkett regolari, ghaldaqstant, minkejja id-diskrepanza tax-xhieda sucitata, din il-Qorti temmen illi t-tielet imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata. Illi din il-Qorti tghid bic-car illi d-decizjoni taghha kienet tkun mod iehor kieku ma rrizultax mill-atti li l-ghasafar zgur ma kellhomx curkett regolari u li sahansitra l-appellant ammetta fir-rikors tieghu stess li c-crieket xtrahom mill-monti u ghalhekk kienu *imitation* tal-originali. Ghaldaqstant, din il-Qorti qedgha tichad ukoll it-tielet eccezzjoni.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja l-piena nflitta. Kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-

sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia**[25] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

Issa minn ezami tal-Ligi Sussidjarja 549.42 u partikolarment mill-artikolu 27(2)(a) jirrizulta li l-piena li tista tigi imposta ghall-akkuzi moghtija fil-konfront tal-appellant tvarja u cioe'ghal hlas ta' multa bejn is-somma ta' hames mitt euro (€500) sa massimu ta' hamest elef euro (€5,000) oltre li jkun hemm il-konfiska tal-*corpus delicti*. Oltre minn dan, l-istess disposizzjoni tal-ligi u cioe' l-proviso tal-Artikolu 27 jipprovdi ukoll li jkun hemm b'mod tassattiv is-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahruga taht ir-regolamenti taht Parti XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin. L-Ewwel Qorti dehrilha li tikkundanna lill-appellant ghal-hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000) liema piena taqa' fil-parametri tal-ligi u hija piena medja.

Konsegwentement din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni li ghandha tiddipartixxi minn tali piena gja imposta. Jinghad ukoll fir-rigward tas-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti, it-terminu moghti mill-Ewwel Qorti kien fil-minimu u ghalhekk mhux ser ikun hemm l-ebda temperament fiz-zmien tas-sospensjoni moghti. Ghaldaqstant, ir-raba' aggravju tal-appellant qieghed jigi michud ukoll.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji tal-appellant fl-intier taghhom. Qedgha wkoll tichad r-raba' aggravju, izda wara li rat il-verbal tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Settembru, 2022, tikkoncedi lill-appellant ihallas il-multa mposta fi zmien sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 14 ( 2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

---

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

Qeda ukoll fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 tikkonferma l-ordni tas-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perijodu ta' sentejn mill illum.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**